MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Rikors Numru. 302/2015

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 218/2015 fl-ismijiet: -**

**Lombard Bank Malta plc (C. 1607)**

**vs.**

**Melvyn Mifsud (K.I. Nru 605761 (M) u Jacqueline Pace Balzan gja Mifsud (K.I. 241785 (M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors b' urgenza tal-Avukat Dottor Melvyn Mifsud datat 30 ta' Marzu 2015 fejn espona: -

Illi l-esponenti jirrileva li tali rikors qieghed isir b'urgenza *stante* illi kif se jinghad iktar l'isfel giet sekwestra tas-somma ta' Euro 3,600 liema somma tappartjeni lid-Dipartiment tal-VAT essendo VAT dovut fuq id-dritt professjonali tieghu, u liema somma l-esponenti huwa obbligat bil-ligi taht penali li jghaddi lid-dipartiment tal-VAT fil-15 t'April 2015.

1 Illi fil-11 ta' Frar 2015 din l-Onorabbli Qorti ordnat il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontra l-esponent u kontra Jacqueline Pace Balzan fl-ammont ta' €41,652.13;

2. Illi kif jidher mill-att tal-mandat innifsu, il-kreditu vantat mill-Lombard Bank Malta plc huwa l-istess li qed jintalab fil-kawza fl-ismijiet ***Lombard Bank Malta plc vs Melvyn Mifsud et*** (Citazzjoni 125/2005);

3. Illi ta' min jghid li t-talbiet tal-Lombard Bank Malta plc kif imressqa f'dawk il-proceduri kienu gew michuda mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz ta' sentenza moghtija fis-6 ta' Lulju 2011. Kopja tas-sentenza qed tigi hawn mehmuza u mmarkata bhala **Dok. MM1**;

4. Illi l-bank ressaq appell minn dik is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell u dan l-appell jinsab differit ghas-sentenza ghat-23 ta' April 2015;

5. Illi ghalkemm il-Lombard Bank Malta plc talab u kiseb is-sekwestru tac-cifra ta’ €41,652.13, jirrizulta li dan l-istess bank sa mis-sena 2000 kellu u ghad ghandu f’idejh diversi investimenti ta’ Melvyn Mifsud u ta’ Jacqueline Pace Balzan gja Mifsud, b’titolu ta’ rahan (plegg). Dawn l-investimenti li jirrizultaw mill-atti tal-proceduri 125/2005/FS jikkonsistu f’2,100 ishma fil-Go plc, investiment ta’ 8040 units fil-Valletta Fund Managment – originarjament fil-Wignacourt Accumulator Fund. Dawn illum huma sostitwiti bil-Euro Malta Money Fund - Retail u 540 ishma fil-Bank of Valletta plc. Dawn l-investimenti f’daqqa jammontaw fil-prezent ghas-somma ta’ €31,163.7, kif jidher mid-dokumenti hawn annessi bhala **Dok. MM2 u Dok MM3**;

6. Illi bilkemm hemm bzonn illi jinghad, dawn l-investimenti li jinsabu mirhuna lill-bank jikkostitwixxu garanzija xierqa li ghandha tissodisfa l-parti kbira mill-kreditu vantat mill-imsemmi bank. Ghalhekk f’tali cirkostanzi ma kienx hemm ghalfejn jintalab mandat fl-ammont totali ta’ €41,652.13 meta l-istess bank ghandu f’idejh investimenti mirhuna li f’daqqa kapaci jgibu s-somma ta’ €31,163.70;

7. Illi kif inghad mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Said vs. Said*** deciza fit-8 ta’ Marzu 1968, “*il-mandati kawtelatorji, appuntu ghaliex isiru fi zmien meta l-kreditu jew pretensjoni ghad ma jkunux gudizzjarjament accertati u stabbiliti, huma odjuzi u d-disposizzjonijiet tal-ligi dwarhom ghandhom jircievu interpretazzjoni rigoruza*’;

8. Illi l-esponent jaghmel eku ghal dak profess fis-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qortti Civili tat-58(data erronjament indikata fir-rikors ) ta’ Novembru 1910, in re: Giuseppe Barbara vs Carmela moglie di Giuseppe Mazzelli et – jigifieri illi “il crditore pignoratario ha il diritto di farsi pagare mediante la vendita giudiziaria del pegno – e non puo prima ditale esperimento scegliere il procedimento contenzioso con discapito al creditore – **molto meno poi, essendo cautelato, ottenere un**

**<u>mandato di elevazione per ulteriore cautela".</u>** ( Bold print u sootolinejar mizjud)

9. Illi propriju f'dan il-kaz ladarba l-Bank ga ghandu taht il-kontroll tieghu investimenti mirhuna li jiswew Euro 31,163.70 allura s-sekwestru mahrug favur il-bank m'ghandux jibqa' fl-ammont ta' €41,652.13 izda ghandu jigi mnaqqas ghall-ammont ta' €10,488.60, dan fid-dawl ukoll ma' dak kontemplat fl-**artikolu 836(1)(c)**, **(d)** u **(f) tal-Kap 12 tal-Ligijet ta' Malta**;

10. Illi subordinatament jissokta jinghad ukoll li in ezekuzzjoni ta' dan il-mandat ta' sekwestru, is-socjetà Bank of Valletta plc iddepozitat permezz ta' cedola 312/15 s-somma komplessiva ta' €9,700.00 mill-kont numru 40022911674, li huwa intestat f'isem ir-rikorrent l-Avukat Dottor Melvyn Mifsud. (Dok. MM 5) F'din il-qaghda r-rikorrent jiddikjara li l-ammont ta' €3,600.00 li gew depozitati mill-Bank of Valletta plc mhumiex flus tieghu izda huma flejjes li jridu jigu mhallsa lid-Dipartiment tal-VAT fil-15 ta' April 2015. Ir-rikorrent jispjega li f'dan il-kont huwa kien iddepozita l-hlas totali ta' €23,600 li kien ircieva ghax-xoghol professjonali li kien ippresta lil wiehed mill-klijenti tieghu. Dan l-ammont ta' €23,600.00 kien maqsum f'€20,000 bhala dritt professjonali u f'€3,600.00 bhala VAT bir-rata ta' 18%. In sostenn ta' din il-posizzjoni r-rikorrent qieghed jannetti kopja tac-cekk bin-numru 000 773 datat 2 ta' Jannar 2015 mahrug mill-klijent tieghu fl-ammont ta' €23,600.00 (**Dok. MM3A**), kif ukoll kopja tal-ircevuta tal-VAT bin-numru 000224 mahruga mir-rikorrent l-Avukat Dottor Melvyn Mifsud favur il-klijent tieghu ghas-somma ta' Euro 3,600 (Dok MM4);

11. Illi naturalment ladarba l-ammont ekwivalenti ghal €3,600.00 bhala VAT mhumiex flus tar-rikorrent izda huma flus mizmuma ghan-nom tad-Dipartiment tal-VAT, dawn m'ghandhomx jibqghu milquta mill-mandat ta' sekwestru u b'hekk ghandhom jigu liberati, u dan sabiex ir-rikorrenti

jghaddihom lill-VAT Department fil-hmistax (15) t'April 2015, kif obbligat bil-ligi;

12. Illi permezz ta' din ic-cedola l-istess Bank of Valletta plc iddepozitaw ukoll somma ta' €3,505.24 tas-sekwestrata Jacqueline Pace Balzan gja Mifsud;

13. Illi apparti minn hekk, anke l-ammont ta' €9115.37 li tqieghdu mill-Banif Bank (Malta) plc permezz ta' cedola datata 6 ta' Marzu 2015, (Dok.MM 6) minn dan l-ammont huwa biss l-ammont ta' €60.01. li huma flus tal-esponent. Il-bqija tal-flus jappartjenu lill-eredità tal-mejtin John u Pauline konjugi Mifsud u dan fl-ammont ta' €9055.36. Dan il-kont infetah mal-Banif Bank (Malta) p.l.c. f' April 2009 kif jirrizulta mid-**Dok. MM7** mir-rikorrenti bil-vesti tieghu professjonali bhala Avukat u l-ammont ta' Euro 8674.36 li gew depozitati f'dan il-kont kienu gejjin minn flus imnissla mill-wirt ta' John u Pauline konjugi Mifsud, hekk kif tixhed il-*covering letter u cekk relattiv* hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. MM8.** Ghalhekk dawn ukoll mhumiex flus tal-esponenti izda huma flus tal-werrieta tal-konjugi John u Pauline Mifsud. Ghalhekk dawn il-flejjes ukoll m'ghandhomx jibqghu milquta bil-mandat ta' sekwestru minhabba li dawn huma flus ta' terzi persuni u mhux tar-rikorrent; Qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dokument MM9 Garnishee Depozit Slip mahruga mill-Banif Bank (Malta) plc;

14. Illi fl-ahharnett ir-rikorrent jixtieq jiddikjara wkoll li anke s-somma ta' € 3,542 li gew maqbuda minn idejn ir-Registratur tal-Qrati ma humiex flus ir-rikorrent izda huma flejjes ta' terzi persuni. Dwar dan, ir-rikorrent jixtieq jispjega li kif jirrizulta mis-sentenza fl-ismijiet ***Carolina Camilleri et vs Dr. Anthony Cutajar noe et*** (Rik Nru 1241/07 JZM) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju 2013 (**Dok. MM8**), il-Qorti kienet iddikjarat li r-rikorrent kellu fil-pussess tieghu fil-vesti professjonali tieghu s-somma ta' €3,542 li kienu jappartjenu lil Carolina Camilleri et;

15. Illi wara li din is-sentenza ***Carolina Camilleri et vs Dr. Anthony Cutajar noe et*** (Rik Nru 1241/07 JZM) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju 2013 ghaddiet in gudikat (Dok MM10), ir-rikorrent kien talab lis-socjetà Lombard Bank Malta plc sabiex tghaddi s-somma hemm indikata ta' €3,542 lil Carolina Camilleri et jew lill-Avukatessa Dr. Anna Mallia, li kienet qed tippatrocinahom. Minkejja ittra legali lis-socjetà Lombard Bank Malta plc, u diversi kuntatti telefonici tar-rikorrent mas-Sur Kevin Galea Souchet, *Manager Sliema Branch*, fejn talab li dawn jithallsu skont is-sentenza, dawn il-flus baqghu ma gewx rilaxxjati. Eventwalment l-atturi Carolina Camilleri et kisbu l-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv li jgib in-numru 89/15 (**Dok. MM11**), kontra l-istess rikorrent – li kif inghad qatt ma rrifjuta li dawn ghandhom jithallsu lill-atturi;

16. Illi in segwitu ta' dan il-mandat 218/15, fit-13 ta' Frar 2015, is-socjetà Lombard Bank Malta plc, iddepozitat is-somma ta' €3,542 permezz ta' cedola numru 212/15 (Dok MM 12). Ir-rikorrent fil-qadi tal-professjoni legali ffirma l-inkaratament relattiv sabiex din is-somma tigi rilaxxjata favur l-istess atturi Carolina Camilleri et. Madankollu peress li l-istess Lombard Bank Malta plc talab il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 218/15 u indikaw ukoll lir-Regstratur tal-Qrati Civili bhala sekwestratarju, dan l-ammont ta' €3,542 appartenenti lill-atturi Carolina Camilleri et, gie maqbud ukoll u erronjament sekwestrat;

17. Illi kif imfisser dan l-ammont ta' €3,542 li gie sekwestrat bil-mandat numru 89/15, mhumiex flus tar-rikorrent izda huma flus ta' Carolina Camilleri et u ghalhekk dawn ukoll m'ghandhomx jibqghu soggetti ghall-mandat ta' sekwestru;

18. Illi ta' min jirreleva li permezz ta' cedola datata 11 ta' Frar 2015 hawn anness u mmarkat bhala Dokument MM 13, fl-atti tal-mandat Carolina Camilleri et vs Melvyn Mifsud numru 89/2015, Bank of Valletta plc iddepozitaw is-somma ta' Euro 3,542.64 – liema somma hija

ghalhekk iddepozitata darbtejn – kemm mil-Lombard Bank of Valletta plc u sija mill-Bank of Valletta plc.

19. Illi peress li l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni li dwaru qieghed isir ir-rikors odjern numru 218/15, hawn anness u mmarkat bhala Dokument MM14, inhareg mir-Registratur /Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali Maltin, dan l-istess ammont ulterjuri tal-Bank of Valletta plc ta' Euro3,542.64 rega' inqabad. Dawn mill-flus appartenenti tar-rikorrenti Melvyn Mifsud;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq indikati, l-esponent umilment qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1 Tirrevoka parti mill-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 218/2015 billi tnaqqas l-ammont sekwestrabbli minn €41,652.13 ghal €10,488.60 minhabba li jezistu c-cirkostanzi msemmija fl-**artikolu 836(1)(c)**, **(d)** u **(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**;

2. Tiddikjara li:

a) l-ammont ta' €3,600.00 depozitat mill-Bank of Valletta plc permezz ta' cedola dokument MM5,

b) l-ammont ta' €3,542 li originarjament gew depozitati mil-Lombard Bank Malta plc permezz ta' cedola dokument MM 12 u li mbaghad gew maqbuda minn idejn ir-Registratur tal-Qrati bil-mandat 218/2015 u

c) l-ammont ta' €9,055.36 depozitat mill-Banif Bank (Malta) plc permezz ta' cedola dokument MM 6 mhumiex flejjes tar-rikorrent u ghalhekk mhux suggetti ghall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 218/2015; u

3. Tawtorizza r-rilaxx ta' dawn l-ammonti ta' €3,600.00 (VAT Department), ta' €3,542 (Eredi Carolina Camilleri et) ***Carolina Camilleri et vs Dr. Anthony Cutajar noe et*** (Rik Nru 1241/07 JZM) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju 2013 rispettivament u ta' Euro 9,055.36 sabiex dawn ta' l-ahhar ikunu jistghu jinghataw lis-sidien taghhom u r-rilaxx ta' l-ammont ta' dwar il-Banif Bank Malta plc favur l-istess Melvyn Mifsud bhala Avukat, sabiex jitqassmu u jigu rilaxxjati eventwalment lill-eredi ta' John u Pauline konjugi Mifsud, mill-istess Avukat Melvyn Mifsud.

4. Tiddikara li kull ammont oltre minn l-ammont ta' €10,488.60 huwa eccessiv u tawtorizza r-rilaxx favur ir-rikorrenti kull ammont oltre l-ammont ta' €10,488.600, li ghandhom jinzammu mic-cedola mmarkat bhala Dokument MM 5, u dawn mil-flus depozitati mill-Bank of Valletta plc ta' Melvyn Mifsud u Jacqueline Pace Balzan;

5. Tordna li s-sekwestru jitnehha fuq assi ohra sekwestrati u jinzamm limitat fuq il-Bank of Valletta plc, limitatament ghall-ammont ta' €10,488.60;

6. Tikkundanna lis-socjeta` Lombard Bank Malta plc li thallas penali ta' mhux anqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (€6,988.12), lir-rikorrenti Melvyn Mifsud, *stante* li t-talba tas-socjeta` rikorrenti Lombard Bank Malta plc tal-mandat ta' sekwestru 218/2015 kontra Melvyn Mifsud u Jacqueline Pace Balzan fl-ammont ta' €41,552.13 hija bil-wisq eccessiv *stante* li l-istess rikorrenti ghandu f'idejh u fil-kontroll assolut taghha l-investimenti fuq imsemmija, u ghalhekk saret b'malizzja, hija in parti sostanzjali frivola u vessatorja – *vide* Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha relattivi ma’ dawn il-proceduri jithallsu mil-Lombard Bank Malta p.l.c. u b’rizerva ghal danni ulterjuri kontra s-socjeta` Lombard Bank Malta plc.

Rat id-digriet tat-30 ta’ Marzu 2015 fejn il-Qorti ordnat qabel xejn lir-rikorrenti biex jesebixxi kopja legali tal-istess Mandat ta’ Sekwestru. Ordnat in-notifika lill-kontro-parti li permezz ta’ nota fi zmien sebat ijiem (7) min-notifika tal-istess ghandhom jaghtu r-ragunijiet ghaliex it-talbiet tar-rikorrenti m’ghandhomx jintlaqghu; u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-16 ta’ April 2015 .

Rat in-Nota ta’ Lombard Bank Malta plc (C1607) *a tenur* tad-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti tat-30 ta’ Marzu 2015, datata 15 ta’ April 2015 (fol 83) :-

Li permezz taghha jelenka s-segwenti ragunijiet ghaliex it-talbiet tar-rikorrenti l-Avukat Dottor Melvyn Mifsud fir-rikors bl-urgenza pprezentat minnu fit-30 ta’ Marzu 2015 m’ghandhomx jigu milqugha;

1. Illi l-fatti skont kif elenkati mir-rikorrenti Melvyn Mifsud fl-ewwel erba’ premesssi m’humiex kontestati, pero` stanti li l-istess rikorrenti ghogbu jesebixxi kopja tas-sentenza tal-prim istanza annessa bhala Dok MM1 mar-rikors odjern, il- Bank esponenti qieghed jannetti ma’ din in-nota kopja tar- rikors tal-Appell immarkat bhala Dok LB1, bil-ghan li din l-Onorabbli Qorti tigi infurmata dwar l-aggravji tal-Bank esponenti li wassluh biex jintavola l-Appell in kwistjoni, u a skans ta’ repetizzjoni inutili;

2. Illi ta' min wiehed jinforma lil din l-Onorabbli Qorti li l-Bank esponenti ma giex notifikat b'kopja tar-rikors u lanqas bi kopja tad dokumenti voluminuzi li gew annessi mieghu izda gie notifikat biss bl-avviz tas-smigh;

3. Illi in kwantu ghal dak li inghad mir-rikorrenti fil- premessi numru 5, 6, 8 u 9, ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ma jippermettux, fl-opinjoni umli tal-Bank esponenti, serhan fuq l-investimenti li kienu gew moghtija b'rahan. Apparti li d-dokumenti esebiti bhala Dok MM2 u Dok MM3 ma jikkostitwux prova sodisfacenti tal-valur ta' dawn l-investimenti, (ghaliex fl-ahhar minn l-ahhar huwa s-suq li jiddetta jekk hemmx domanda ghax-xiri taghhom jew le u li finalment jiddettermina l-prezz tal-investimenti li dejjem jistaw jitlaw jew jinzlu skont ic-cirkostanzi tal-kaz kif ukoll kemm ser tkun ic-cifra finali meta jigu likwidati), is-sitwazzjoni personali bejn iz-zewg intimati u x-xewqat konfligenti taghhom fir-rigward tal-istess investimenti ma jiggustifikawx is-sostenn tar-rikorrenti li l-ammont li kellu jigi kawtelat m'ghandux jissupera dak ta' €10,488.60. Inoltre, il-kwistjoni jekk l-investiment li gew moghtija b'rahan kellhomx jigu likwidati jew le giet trattata quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza citazzjoni numru 125/2005 li issa hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell u abbazi tal-principju *ne bis in idem* ir-rikorrenti m'ghandux jithalla iqajjem din il-kwistjoni fil-procedura odjerna. *Di piu`* a skans ta' kull ekwivoku u sabiex din il-Qorti tigi infurmata ahjar, ma jezisti ebda investiment mal-"Euro Malta Money Fund – Retail" li jinsab moghti b'rahan favur il-Bank esponenti bhal ma sostna r-rikorrent Melvyn Mifsud fil- paragrafu 5 tar-rikors odjern;

4. Illi l-Bank esponenti ma jistax jaqbel ma' dak li qed isostni ir-rikorrenti f'paragrafu 10 u 11, u cioe` li l-ammont ta' €3600 li jirraprezentaw il-VAT li jrid ihallas in konnessjoni mad-dritt professjonali mhuwiex tieghu ghaliex jappartjeni lid-Dipartiment tal-VAT. Apparti l-konsiderazzjonijiet li ser jigu ittrattati aktar 'l isfel, dan huwa sostenn bla bazi ghaliex bl-istess argument jekk X ghandu jaghti lil Y is-somma ta'

€100 u X ghandu s-somma ta’ €100 ddepozitati fil-kont bankarju tieghu, allura ma jfissirx li din is-somma tappartjeni lil Y! Ic-cifra ta’ €3600 rapprezentanti l-VAT hija somma dovuta mir-rikorrenti lill- VAT Department, pero` l-argument li parti mid-depozitu li kellu mal-Bank of Valletta plc mhuwiex tieghu, ghal din ir raguni hija ghal kollox infondata;

5. Illi fir-rigward ta’ dak li sostna r-rikorrenti f’paragrafu 13, 14, 15, 16 u 17, huwa pertinenti li f’dan l-istadju naraw x’kellha xi tghid f’cirkostanzi simili l-Qorti tal-Appell fil- kawza fl-ismijiet Nicole Mairangas vs HSBC Bank Malta plc (Appell Civili numru 418/2004/1 deciza fit-3 ta’ Ottubru 2008) :

*“Bit-tieni eccezzjoni l-bank konvenut eccepixxa li l-azzjoni ma kinitx tispetta lill-attrici, izda lill-“ultimate beneficiary” tal-kontijiet in kwistjoni. Il-flus fil-kontijiet in kwistjoni setghu kienu tal-minuri izda l-kontijiet infushom kienu intestati f’isem l-attrici li allura kienet il-“customer” tal-bank. Kif jinghad fil-ktieb “Law of Banking” ta’ Lord Chorley (Sweet & Maxwell, 6$^{th}$ Edit.), pagna 31, ir-relazzjoni tal-bank hija mal- “customer”, li hi persuna “who has an account with a banker”. Issa, f’dan il-kaz, il-kontijiet huma kollha f’isem l-attrici, bid-denominazzjoni “account (isem it-tfal)”. Dan ifisser li l-“account holder” hi l-attrici, ghalkemm ghar-ragunijiet taghha hi tat titolu differenti lil kull kont. Ir-relazzjoni tal-bank hi biss mal-persuna li fuqha hu registrat il-kont (ara Canciobella v. Galea noe, deciza mill-Qorti tal- Kummerc fit-28 ta’ Gunju 1920) u mhux ta’ interess ghal bank li l-kont partikolari jigi kkwalifikat ghal xi uzu partikolari. L-attrici fil-fatt, kienet tiddepozita u tohrog flus mill-kontijiet minghajr indhil ta’ hadd, peress li hi kienet l-“account holder” f’ghajnejn il-bank. Hekk kif avukat li jiftah kont f’ismu u jiddeskrivih bhala “clients account” ikollu l-kontroll assolut tal-kont u jitqies bhala l-“customer” u l-beneficcjarju tieghu (salv ir-relazzjoni interna ta’ bejnu u l-klijienti tieghu) hekk ukoll, f’dan il-kaz hija l-attrici personalment li, vis-à-vis il-bank konvenut ghandha titolu fuq l-istess kont”*

Il-bank esponenti jissottometti bir-rispett illi din l-anologija li ghamlet din il Qorti ghal “clients accounts” li jiftah Avukat hija applikabbbli ghal dak li qed isostni r-rikorrenti Melvyn Mifsud f’dawn l-erba’ paragrafi, u ghalhekk l-argument tieghu li l-flus li qed jirreferi ghalihom ma kellhomx jigu milquta mis-sekwestru li hareg il-Bank esponenti huwa ghal kollox infondat u bla bazi. Hawnhekk wiehed jistaqsi: ghaliex ir-rikorrenti, jekk is-sentenza Caroline Camilleri et vs Dr. Anthony Cutajar noe et annessa bhala Dok MM 10, li nghatat fit-23 ta’ Mejju 2013, ma qabadx u haseb ghal hlas tac-cifra mitluba fis-sekwestru 89/15 li kopja tieghu huwa anness bhala Dok MM11 mar-rikors odjern? *Inoltre* seta, li kieku ried, jiehu l-passi biex jakkwista garanzija bankarja sabiex jinhareg il-kontro mandat relattiv, pero` dan il-pass ma hadux.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost il-bank esponenti jissottometti bir-rispett illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stanti li huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, peress illi:-

1. Il-bank esponenti ghandu kull jedd li jikkawtela d-dritt ta’ kreditu dovut lilu mir-rikorrent u Jacqueline Pace Balzan gja Mifsud skont l-artikolu 829 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. *Inoltre*, wiehed irid jikkonsidra l-fatt li l-ammont sekwestrat ikopri biss l-ammont u l-imghaxijiet dovuti sas- sena 2005 u li d-debitu bilancjali dovut mis-sekwestrati llum jissupera bil-bosta din ic-cifra, peress li hemm dovut ukoll l-imghaxijiet ulterjuri kalkolabbli mill-2005 kif ukoll l-ispejjez. F’dan il-kuntest huwa pertinenti li ninnutaw dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart (Rikors Numru 336/2005/JRM) deciza fid-29 ta Lulju 2005 fejn sostniet :-

“*Ma jrid jintesa qatt li l-ghan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li “jiffriza” l-qaghda sakemm il-kwistjoni tigi mistharrga kif ghandu jkun fil-mertu”;*

2. Is-sostenn tar-rikorrenti li l-flus maqbuda ma jappartjenux lilu izda lill-klijenti tieghu ma jreggix, u dan skont l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza hawn fuq citata;

3. Ir-rikorrenti ma rnexxilux jissodisfa dak li qed jallega li t-talba ghal hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju saret bi ksur tal-artikolu 836(1) (d) tal-Kapitolu 12, u dan skont kif mehtieg mis-subinciz (2) tal-istess artikolu. Anzi, l-fatt li l-Bank esponenti ipprezenta mandat ta' sekwestru biss wara li gie notifikat bil-mandat ta' sekwestru 89/15 (anness bhala Dokument MM 11 mar-rikors odjern – *vide* d-data tal-prezentata f'dan id-dokument u d-data tal- prezentata tas-sekwestru pprezentat mill-Bank esponenti immarkat bhala Dok MM 14) juri kemm il-Bank mexa b'mod l-aktar kawt u prudenti, ghaliex li kieku ried, seta' pprezenta mandat ta' sekwestru kawtelatorju mal-prezentata tac-citazzjoni kontra r-rikorrenti u Jacqueline Pace Balzan gja Mifsud fis-sena 2005. Rimfaccat b'sejha li jiddepozita somma flus favur terz kreditur iehor, il-Bank esponenti kien ikun negligenti li kieku ma harigx il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni bil-ghan li jassikura li l-flus li kellu f'idejh appartententi lid-debitur tieghu Melvyn Mifsud jibqaw depozitati l-Qorti, biex jekk ikun mehtieg, isir konkors ta' kredituri fir-rigward tal-istess fil-mument opportun.

Daqstant ghandu x'jissottometti umilment il-Bank esponenti ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' April 2015 mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza dehru r-rikorrent Dr. Melvyn Mifsud assistit minn Dr Patrick Galea, u Dr. Rachael Bonello ghall-Bank Intimat Lombard Bank rapprezentat minn Maria Cutajar. Xehdu bil-gurament Crystle Camilleri, Dr Melvyn Mifsud u Maria Cutajar liema

xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Id-difensuri tal-partijiet trattaw ir-rikors. Ir-rikors gie differit ghal digriet ghat-30 ta' April 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Dan hu rikors ghar-revoka in parti tal- mandat ta' sekwestru kawtelatorju premess mahrug fil-11 ta' Frar 2015 mill Bank kreditur kontra r-rikorrent u Jacqueline Pace Balzan gja Mifsud fl-ammont ta' €41,652.13. Ir-rikorrent qed jitlob ir-riduzzjoni tal-ammont ikkawtelat bil-mandat, kif ukoll il-liberazzjoni ta' depoziti maghmula mill-effetti tal-mandat, u jiccita **l-artiklu 836(1)(c)(d) u (f) tal-Kap.12,** oltre l-applikazzjoni tal-penali mahsub bl-**artiklu 836(8)(d) tal-Kap.12.**

Il-Mandat ta' sekwestru jinsab esebit a fol 65 *et sequitur tal-process* bhala **DOK MM14.**

### Fatti fil-Qosor

Jirrizulta mill-atti esebiti li l-Bank intimat kien ikkonceda lill-konvenuti Melvyn u Jacqueline konjugi Mifsud facilita’ ta’ ‘overdraft’ u l-ammont ikkawtelat bil-Mandat ta' Sekwestru ta' €41,652.13 jirraprezenta kawzali "*Skont kif mitlub fil-kawza fl-istess ismijiet premessi, Citazz Numru 125/05/FS."* L-imghaxijiet u spejjez huma riservati.

Permezz ta’ zewg (2) skritturi privati li jgibu d-dati tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Marzu tas-sena elfejn (2000) u t-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Gunju tas-sena elfejn (2000) ir-rikorrent odjern u Jacqueline Pace Balzan, allura martu, kienu ggarantew il-hlas lura ta’ dan id-debitu flimkien ma’ l-interessi u spejjez relattivi billi kkostitwixxew rahan fuq l-ishma kif hemm elenkati.

**<u>Ir-Ragunijiet Ghat-Talba</u>**

Ir-rikorrent jitlob it-thassir *in parte* tal-mandat ghar-ragunijiet segwenti:

i. Il-Bank ghandu f'idejh b'rahan investmenti li jammontaw ghall-valur ta' circa €31,163.7 u li huma gja garanzija xierqa ghall-kreditu pretiz.

ii. Is-somma ta' €9700 depozitata bic-cedola 312/15 mill-Bank of Valletta p.l.c. fl-atti ta' dan il-mandat jinkludi €3600 li hu gabar bhala VAT fuq drittijiet professjonali tieghu.

iii. Bic-cedola tas-6 ta' Marzu 2015, Banif Bank iddepozita somma li minnha, €8674.36 jappartjeni lill-eredita' tal-mejtin John u Pauline Mifsud u mhumiex flus *proprio* tar-rikorrent.

iv. Il-Bank intimat rega’ issekwestra ammont depozitat mill-istess Bank stess bhala sekwestratarju fuq Mandat iehor esegwit minn terzi f'idejn ir-Registratur Qrati Civili u Tribunali. Dan l-ammont ukoll ma jappartjenix lir-rikorrent.

## Rizultanzi

Ir-rikorrent jaghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Lombard Bank Malta plc v Melvyn Mifsud et** (cit.125/2005) fejn il-Bank kien iddeduca t-talbiet tieghu. B'din is-sentenza moghtija fis-6 ta' Lulju 2011 (**DOK MM1)** it-talbiet tal-Bank gew michuda wara li qieset li peress li dan id-dejn kien garantit b'rahan fuq diversi ishma, il-bank naqas milli jipprevalixxi ruhu mid-dritt li kellu illi jitlob u jipprosegwi bil-bejgh tal-istess.

Il-partijiet irrilevaw li s-sentenza kienet giet appellata u kellha tigi deciza proprju fil-mori ta' dawn il-proceduri. Fil-fatt l-appell gie deciz fl-24 ta' April 2015 u din il-Qorti hadet konjizzjoni gudizzjarja tas-sentenza. F'dik is-sentenza il-Qorti tal-Appell hassret u irrevokat is-sentenza tal-ewwel Qorti u laqghet it-talba tal-Bank billi kkundannat lir-rikorrent odjern flimkien ma' Jacqueline Pace Balzan *in solidum* bejniethom ihallsu lill-Bank l-ammont mitlub bhala *sorte* bl-imghaxijiet kif dedotti fit-talba.

## Xhieda u Dokumenti esebiti.

**Xehed ir-rikorrent** u qal li attwalment il-Bank ghandu f'idejh b'rahan investimenti fil-valur ta' circa €31500.

Xehed ukoll li kien prokuratur ta' certu Paul Spiteri, llum mejjet, u bhala tali kellu f'idejh €3500. Dawn huma dovuti lil Carolina Camilleri, eredi tad-decujus, in forza ta' sentenza ta' din il-Qorti kif diversament

presjeduta tat-23 ta' Mejju 2013 (**DOK MM10).**[1] L-eredi harget mandat ta' sekwestru f'dan l-ammont li gie depozitat mill-Lombard Bank plc il-Qorti izda sewgew id-depozitu bil-mandat odjern f'idejn ir-Registratur. B'hekk dan l-ammont iddepozitat b'cedola inqabad darbtejn.

Riferibbilment ghas-somma depozitata fil-kont mal-Banif Bank Limited hu esebixxa ittra (**DOK MM8)** mibghuta mill-kumpannija Associated Drug Co Ltd. fejn gie mibghut *cheque* fl-ammont ta' €8674.36 bhala hlas ta' cekkijiet dovuti lill-wirt ta' Pauline Mifsud. Din l-ittra hija datata d-9 ta' April 2009[2].

.

Riferibbilment ghall-ammont ta' VAT imsemmi fir-rikors promotur, esebixxa kopja ta' cekk datat it-2 ta' Jannar 2015 (**DOK MM3A**) fl-ammont ta' €23,600 mahrug minn klijent tieghu favur l-istess rikorrent u xehed li din is-somma giet depozitata fil-kont personali tieghu. Esebixxa kopja tal-ircevuta tal-VAT relattiv (**DOK MM4)** u qal li l-ammont dovut bhala VAT huwa €3527.40.

In **kontro-ezami** qal li hu ghandu l-kontroll in assolut tal-kontijiet bankarji in kwtsjoni.

Xehdet **Crystle Camilleri** ghan-nom ta' **Banif Bank** u kkonfermat li l-ammont depozitat mill-Bank bhala sekwestratarju fl-atti ta' dan il-mandat kien mehud minn kont Numru 24295101 f' isem l-Avukat Melvyn Mifsud. LL.D. *re heirs of* John u Pauline Mifsud. Esebiet l-*opening Form* (fol 96) minn fejn dan jirrizulta. Hi xehdet li l-*account holder* huwa l-Avukat

[1] F'din is-sentenza il-Qorti illikwidat "*r-rikavat ta' flus mill-bejgh ta' ishma li Paul Spiteri kellu fil-kumpannija Simonds Farsons Cisk u li ghadhom fil-pussess ta' Dr. Melvyn Mifsud"* fl-ammont ta' €3452.64

[2] Ara wkoll cekk a fol.33 f'dan l-ammont.

Melvyn Mifsud. Madanakollu qalet ukoll li kien zball tal-Bank li dan l-ammont gie depozitat mas-sekwestru - "*Human error."*.

Gie esebit *client's account letter* datat 15 ta' April 2009 iffirmat mir-rikorrent fejn jghid li l-ammont ta' €8674.36 ghandu jigi depozitat f'dan il-kont fejn jaghraf il-Bank li dan il-kont ser jigi amministrat minnu. L-i*statement* jinsab esebit bhala **DOK MM7.**

Xehdet ukoll **Maria Cutajar** in rapprezentanza ta' Lombard Bank (Malta) p.l.c. u qalet li l-ammont kollu dovut bl-imghaxijiet mir-rikorrent huwa ta' circa €70,000. Spjegat li l-prassi bankarja tal-Bank li tirraprezenta hija fis-sens li l-Bank jaf lill-*account holder* biss anke f'kaz fejn il-kont jinfetah re terzi. Hi kkonfermat li l-valur tal-investimenti pleggjati huwa ta circa €31000.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT</u>**

Illi dan ir-rikors qed isir abbazi tal-**artikolu 836(1)(c)(d) u (f)** li jipprovdi:-

***"836.*** *(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l- att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(c) "jekk jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att*

*kawtelatorju ieħor jew inkella dik il-garanzija oħra tista’ għas-sodisfazzjoni tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni”*;

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv; jew*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.”*

Illi fid-digriet **“Joseph Camilleri et vs Anthony Gove’ et”** (P.A.(RCP) 10 ta’ Mejju 2001 – Rikors Numru 286/2001/RCP) u **“Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Novembru 2001 inghad ukoll *“li mid-disposizzjoni tal-istess* ***artikolu 836*** *jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta’ 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel I-Qorti f’dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta’ procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprija”.*(Ara wkoll **P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited** – P.A. RCP. 10 ta’ Mejju 2001; **Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd** P.A. RCP. 7 ta’ Frar 2001).

**Art 836(1)(c)**

Ir-rikorrent jistrieh fuq il-fatt l-investimenti li huma mizmuma b'rahan mill-Bank kreditur Il-partijiet jaqblu li huma ta' valur ta' circa €31000.

Huwa minnu li hemm qbil bejn il-partijiet li dawn l-investimenti ghandhom valur fuq is-suq ta' circa €31,000 (ara x-xhiedha tar-rappresentanti tal-Bank intimat). Izda l-valur ta' ishma u investimenti jiddependi fuq il-valur moghti mis-suq u jista' jinbidel minn jum ghall-iehor.

Fic-cirkostanzi, l-Qorti mhix tal-fehma li t-talba tar-rikorrent ghandha tigi akkolta ghaliex l-investimenti mizmuma mill-Bank b'rahan, minnkejja li ghandhom valur, m'ghandhomx valur fiss u cert, izda valur li jista' jinbidel minn jum ghall-iehor.  B'hekk il-Bank kreditur, jista' jigi realment espost ghar-riskju ta' *shortfall* ingustifikat jekk il-Qorti tigbed linja llum mal-valur li kellhom f'jum partikolari meta danil-valur isir cert malli jinbieghu. Id-debituri dejjem kellhom il-jedd sabiex jitolbu lill-Bank *ai termini* tal-**artikolu 1971 tal-Kap.16**[3] biex jghaddi ghall-bejgh ta' dawn l-ishma u investimenti izda ma ghazlux din it-triq ghar-ragunijiet li huma biss jafuhom personalment u li huma estranei ghall-Bank.

**Ghaldaqstant din ir-raguni mhix sostenibbli legalment u fattwalment.**

**<u>Art. 836(1)(d)</u>**

Kif gie ritenut minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Therese Mangion Galea v *Desmond Stanley Stewart*** tad-29 ta’ Lulju 2005:

*“L-**artikolu 836(1)(d)** jiddisponi li Mandat kawtelatorju jista’ jiġi revokat jekk l-ammont mitlub m’huwiex prima facie ġustifikat jew hu eċċessiv. Il-*

[3] Dan l-artiklu jiddisponi hekk: ***1971.*** *Id-debitur ukoll jista’, wara li d-dejn jagħlaq, jew imqar qabel, jekk iż-żmien għall-ħlas ma jkunx ġie miftiehem favur il-kreditur, jitlob, bil-mod li jingħad fl-aħħar artikolu qabel dan, il-bejgħ tar-rahan biex iħallas id-dejn li għalih ir-rahan ikun ġie mogħti.*

*kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mall-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siwi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti."*

Hu pacifiku ghalhekk li l-Qrati edotti minn talbiet simili ma jezaminawx *in funditus* il-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet. Anzi proprju m'ghandhiex toltrapassa dak is-soll ghaliex altrimenti tkun fil-periklu li tiddeciedi definittivament kaz li ghadu mhux maturat.

Ma hemmx dubbju li l-Bank ezekutant kellu mad-daqqa t'ghajn, il-jedd li jitlob il-hrug tal-mandat. Inoltre l-likwidazzjoni tal-ammont kawtelat palezament jaqbel mal-kreditu pretiz.

**Din ir-raguni wkoll ma treggix.**

**<u>Art 836(1)(f).</u>**

Kwantu ghall-**artiklu 836(1)(f) tal-Kap.12.(f)** gie kostantament ritenut mill-Qrati taghna**,** ad ezempju, din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "***Spiteri v Darmanin "*** - (PA(JRM) dec. fil-25 ta' Awwissu *"Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li,* ***wara l-ħruġ tal-Mandat,*** *tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-*

*istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ*[4]*. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ*;"

Il-Qorti m'ghandha zzid xejn izjed ma' dan ir-ragunament. Tajjeb li tfakkar dak li gie korrettement osservat il-Qorti fil-kaz "***Mangion Galea v Stewart"*** fuq citat "*Illi wiehed ghandu jqis ukoll li, qabel dahlu fis-sehh il-bidliet fil-ligi procedurali fl-1995, ma kien moghti l-ebda rimedju bhal dak mitlub illum mir-rikorrent ghat-tnehhija ta' Mandat, sakemm kien ikun gie mistharreg il-mertu tal-kwestjoni."*

Sabiex issir din l-analiżi wieħed irid iqis jekk mid-data tal-ħruġ tal-mandat għadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' mandat huma s-segwenti:

*"Il-ħtiġijiet tal-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbiltá tal-persuna li tkun talbitu"*;

Dawn ic-cirkostanzi kollha baqghu fis-sehh u r-rikorrent ma irnexxielux jipprova a soddisfazzjon tal-Qorti li kien hemm tibdil sostanzjali fic-cirkostanzi tieghu.

---

[4] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***"Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et"***

Ghar-ragunijiet fuq spjegati, din il-Qorti mhix tal-fehma li r-rikorrent irnexxielu jiggustifika t-talba ghat-thassir tal-mandat *in parte* abbazi tal-**artikolu 836(1)(c)(d) u (f)** tal-Kap.12. tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Liberazzjoni ta' l-ammonti depozitati mill-effetti tal-Mandat</u>**

Illi r-rikorrent qed jitlob li jigu liberati mill-effetti tal-mandat is-segwenti ammonti depozitati b'cedoli fl-atti ta' dan il-Mandat:-

a) l-ammont ta' €3,600.00 depozitat mill-Bank of Valletta plc permezz ta' cedola **Dokument MM5,**

b) l-ammont ta' €3,542 li originarjament gew depozitati mil-Lombard Bank Malta plc permezz ta' cedola **Dokument MM 12** u li mbaghad gew maqbuda minn idejn ir-Registratur tal-Qrati bil-mandat 218/2015 u

c) l-ammont ta' €9,055.36 depozitat mill-Banif Bank (Malta) plc permezz ta' cedola **Dokument MM 6** *stante* li mhumiex flejjes tar-rikorrent u ghalhekk mhux suggetti ghall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 218/2015;

Il-Qorti ser tghaddi biex tindirizza dawn it-talbiet:-

a) **Ammont Dovut f'Taxxa fuq il-Valur Mizjud:-** Dan l-ammont jirraprezenta taxxa fuq il-Valur Mizjud dovut fuq dritt professjonali ghas-servizzi rezi mir-rikorrent lill-terz. Fattwalment ir-rikorrent ipprova li kien ircieva hlas ta' dritt professonali b'cekk fl-ammont ta' €23,600 (**Dok.MM3A)** li minnhom €3600 jikkalkula huwa l-Vat dovut. Proprjament il-VAT dovut fl-ahhar mir-rikorrent irrizulta li kien anqas ghaliex gie imnaqqas bil-krediti tal-VAT reklamatii minnu.

Il-Qorti tghid mill-ewwel li ma taqbilx mat-tezi tar-rikorrent li dan l-ammont hekk migbur jappartjeni lid-Dipartiment tal-VAT. Skont l-artiklu **20 tal-Kap 406 (Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud):**

*"20 (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu:*

*(a) il-ħlas tat-taxxa fuq provvista taxxabbli għandu jkun ir-responsabbiltà tal-persuna li tagħmel il-provvista."*

Il-Ligi titkellem dwar il-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud u timponi responsabbilita' fuq min jipprovdi s-servizz biex ihallas din it-taxxa. Fis-sistema tal-VAT, l-ammont li hu finalment dovut jirraprezenta l-bilanc li jibqa' wara li jigu kkalkolati l-krediti fuq VAT li huma a beneficcju tas-*service provider.*

Ghalhekk il-Qorti mhix tal-fehma li gew sekwestrati flejjes li jappartjenu lill-terzi imma ammonti li jappartjenu lir-rikorrent salv li huwa responsabbli lejn id-Dipartiment tal-VAT biex ihallas it-taxxa tal-VAT fuq is-servizzi professjonali kollha tieghu prestati fil-perjodu taxxabbli.

Ghalhekk din it-talba qed tigi michuda.

**b) l-ammont ta' €3,542 li kienu depozitati mill-Bank intimat fuq mandat ta'sekwestratu mahrug minn terzi.**

Riferibbilment ghall-ammont ta' €3542 li gew depozitati mill-Bank intimat bhala sekwestratarju fl-atti ta' mandat iehor, ikkonsidrat li mis-sentenza

tal-On.Imhallef J.Zammit McKeon citata mir-rikorrent jirrizulta li gie deciz li dan l-ammont kien mizmum mir-rikorrent ghan-nom tal-eredita' ta' Paul Spiteri. Ghalhekk f'dan il-kaz jirrizulta li din is-somma ma tappartjenix lir-rikorrent imma lill-terzi. Is-sentenza hija fl-ismijiet **Carolina Camilleri et. v Dr. Anthony Cutajar noe et.** (Rik.Gur.1241/07 JZM - 23 ta' Mejju 2013) u ghaddiet in gudikat.

Ghalhekk din it-talba ser tigi milqugha.

**c) €9,055.36 depozitat f'kont f'isem Avv. Melvyn Mifsud re ....mal-Banif Bank**

Fattwalment ir-rikorrent irnexxielu jipprova a soddisfazzjon tal-Qorti li l-ammont li ddepozita huwa provenjenti mill-wirt tal-genituri tieghu. Il-kont in kwistjoni wkoll infetah f'ismu "*re the heirs of....*" u sahansitra r-rapprezentanta tal-Banif Bank xehdet li gew depozitati fl-atti tal-mandat odjern "*bi zball-human error."*

Izda, minn naha l-ohra,jirrizulta wkoll li dan il-kont kien amministrat esklussivament mir-rikorrent u li ghalhekk huwa r-rikorrent li ghandu jigi kkonsidrat bhala il-"*customer"* tal-Bank.

L-abbli difensur tal-intimat ghamlet riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kaz **Nicole Mairangas v HSBC Bank Malta plc**, deciz fit-3 ta' Ottubru 2008, fejn il-Qorti irriteniet li:-

"*Bit-tieni eccezzjoni l-bank konvenut eccepixxa li l-azzjoni ma kienitx tispetta lill-attrici, izda lill-"ultimate beneficiary" tal-kontijiet in kwistjoni. Il-flus fil-kontijiet in kwistjoni setghu kienu tal-minuri izda l-kontijiet infushom kienu intestati f'isem l-attrici li allura kienet il-"customer" tal-bank. Kif jinghad fil-ktieb "Law of Banking" ta'* ***Lord Chorley*** *(Sweet & Maxwell, 6th Edit.), pagna 31, ir-relazzjoni tal-bank hija mal-"customer", li hi persuna "who has an account with a banker". Issa, f'dan il-kaz, il-*

*kontijiet huma kollha f'isem l-attrici, bid-denominazzjoni "account (isem it-tfal)". Dan ifisser li l-"account holder" hi l-attrici, ghalkemm ghar-ragunijiet taghha, hi tat titolu differenti lil kull kont. Ir-relazzjoni tal-bank hi biss mal-persuna li fuqha hu registrat il-kont (ara* ***Canciobella v. Galea noe****, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' Gunju 1920), u mhux ta' interess ghall-bank li kont partikolari jigi kkwalifikat ghal xi uzu partikolari. L-attrici, fil-fatt, kienet tiddepozita u tohrog flus mill-kontijiet minghajr indhil ta' hadd, peress li hi kienet l-"account holder" f'ghajnejn il-bank.Hekk kif avukat li jiftah kont f'ismu u jiddeskrivih bhala "clients' account", ikollu l-kontroll assolut tal-kont u jitqies bhala l-"customer" u l-beneficcjarju tieghu (salv ir-relazzjoni interna ta' bejnu u l-klijenti tieghu), hekk ukoll, f'dan il-kaz, hija l-attrici personalment li, vis-à-vis il-bank konvenut, ghandha titolu fuq l-istess kont."*

Fix-xhieda moghtija mir-rapprezentanta tal-Banif Bank, intqal hekk:

***Dr. Rachael Bonello :-***

*Issa ara jekk nghidx sew li il-kontroll fuq dan il-kont huwa esklussivament f' idejn Dr Melvyn Mifsud.*

***Xhud - Crystle Camilleri :-***

*Iva.*

***Dr. Rachael Bonello :-***

*Jigifieri jekk jigu John/Pauline Mifsud il-bank u jitolbu li jizbankaw xi ammont minn dan il-kont partikolari l-Banif Bank xi tkun r-rejazzjoni tieghu?*

***Xhud - Crystle Camilleri :-***

*Le ma ssirx qabel ikollna l-konferma ta’ l-account holder li huwa Dr Melvyn Mifsud."*

Johrog minn dan l-iskambju li r-rikorrent seta' jopera l-kont wahdu minghajr indhil.

Izda kif gja gie kkonstatat, din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li l-flus depozitati fil-kont tal-Banif Bank kienu provvenjenti mill-wirt u ghalhekk ma jappartjenux lir-rikorrent/debitur imma lill-eredita' ta' John u Pauline Mifsud (li r-rikorrent huwa fost l-eredi taghhom). Is-sentenza ccitata mill-Bank tapplika ghar-relazzjonijiet bejn il-Bank u l-klijent filwaqt fil-kaz odjern, jirrisulta b’mod l-aktar palesi li l-flus fid-depositu bankarju kienu jappartjenu lill-eredita.

Proprjament, is-somma ezatta tammonta  ghall-€8674.36 u fil-fehma tal-Qorti din mhix parti mill-patrimonju personali tad-debitur li fuqu kreditur jista' jivvanta pretensjoni.

Fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti ser tilqa' t-talbiet tar-rikorrent limitatament billi **tordna r-rilaxx ta’:-**

i. L-ammont ta' €3,542 maqbuda minn idejn ir-Registratur tal-Qrati bil-mandat odjern numru 218/2015 u li jinsabu depozitati fl-atti tal-Mandat 89/15 fl-ismijiet **Carolina Camilleri et v Melvyn Mifsud** b'cedola ta' depozitu  tal-Lombard Bank (Malta) plc numru 212/15 (**DOK MM11)**

sabiex jithallas lill-ezekutanti f'dak il-Mandat 89/15 skont is-sentenza tal-23 ta' Mejju 2013 fuq premess;

ii. L-ammont ta' €8674.36 parti minn somma akbar depozitat mill-Banif Bank (Malta) plc permezz ta' Cedola numru 330/15(**DOK MM 6)** fl-atti tal-mandat odjern sabiex jitqassam lill-eredi.

**<u>PENALI - ARTIKLU 836(8)(d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.</u>**

Ir-rikorrent talab ukoll li l-Bank jigi penalizzat skont id-disposizzjoni imsemmija li tipprovdi li d-debitur jista' jitlob tali sanzjoni "*jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja."*

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-soddisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta.[5]

Illi dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu **836(8)** f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponih[6]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż.

Illi fil-fehma konsiderata tal-Qorti r-rikorrent ma weriex li l-mandat odjern inhareg b'mod fieragh u abbuziv.

[5] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd***
[6] App. Ċiv. 13.3.2001 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Rapa vs Raymond Sammut**

Ir-raguni moghti mir-rikorrent hija li l-Bank kellu u ghandu f'idejh l-investimenti b'rahan u ghalhekk l-ammont ddikjarat fil-mandat hu wisq eccessiv. Il-Bank irribatta li kien pacenzjuz  hafna f’ dan il-kaz u zamm milli johrog mandat biss meta gie rinfaccjat b’ sekwestru iehor. Jirrizulta li mart ir-rikorrent opponiet ghall-bejgh tal-investimenti li kien ukoll ta' intralc ghall-Bank biex jillikwida dawn l-investimenti.

Generalment, l-abbuz mill-procedura gudizzjarja jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nfisha. Fejn ikun hemm element ta' agir fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju. (**Paul Attard *noe.* vs. Loreto Abela -**PA(JRM)- 25 ta' Mejju 2005).

Dawn l-elementi ma gewx ippruvati u t-talba ser tigi michuda.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** l-eccezzjonijiet tal-Bank intimat safejn huma kompatibbli ma' din id-decizjoni, **tilqa'** t-talbiet tar-rikorrent limitatament u biss skont dan li gej:-

**Tiddikjara li:**

i. l-ammont ta’ €3,542 li originarjament gew depozitati mil-Lombard Bank Malta plc permezz ta’ cedola **Dokument MM 12** u li mbaghad gew maqbuda minn idejn ir-Registratur tal-Qrati bil-mandat 218/2015 u

ii) l-ammont ta’ €8674.36 depozitat mill-Banif Bank (Malta) plc permezz ta’ cedola dokument **MM 6,**

**mhumiex flejjes tar-rikorrent u ghalhekk mhumiex soggetti ghall-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju 218/2015; u**

3. **Tawtorizza** r-rilaxx ta’:

i) L-ammont ta' €3,542 maqbuda minn idejn ir-Registratur tal-Qrati bil-mandat odjern numru 218/2015 u li jinsabu depozitati fl-atti tal-Mandat 89/15 fl-ismijiet **Carolina Camilleri et v Melvyn Mifsud** b'cedola ta' depozitu tal-Lombard Bank (Malta) plc numru 212/15 (**DOK MM11)** sabiex jithallas lill-ezekutanti f'dak il-Mandat 89/15; u

ii) L-ammont ta' €8674.36 parti minn somma akbar depozitat mill-Banif Bank (Malta) plc permezz ta’ Cedola numru 330/15(**DOK MM 6)** fl-atti tal-mandat odjern.

rispettivament sabiex dawn ikunu jistghu jinghataw lis-sidien taghhom; u fit-tieni kaz sabiex jitqassmu u jigu rilaxxjati eventwalment lill-eredi ta’ John u Pauline konjugi Mifsud, mill-istess Avukat Melvyn Mifsud.

Il-Mandat qed jigi kkonfermat fl-ammont intier tieghu u t-talbiet kollha l-ohra qed jigu michuda.

**L-ispejjez jithallsu kwantu ghall-zewg terzi (2/3) mir-rikorrent u terz (1/3) mill-Bank intimat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------